MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2015

Numru. 462/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Omissis 1**

**Kumpilazzjoni Nru: 462/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Omissis 1**;

**Akkuzata** talli nhar id-09 ta' Settembru 2013, u qabel u wara din id-data, fil-Qrati ta' Malta u f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Fi proceduri civili, geghlet li jsir, jew xjentement gabet, dokument falz.

2. U aktar talli ghamlet affidavit falz, kemm f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li kienet taf li dak l-affidavit kien mehtieg jew mahsub ghall-proceduri civili f'Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' kundanna, tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali.

Rat l-artikoli 103 u 106(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti relevanti ghal dan il-kaz jirrizultaw ampjament u m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom[1].

Illi l-imputata u certu Omissis 2 kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija li jisimha Omissis 3. Meta twieldet it-tarbija nqala hafna disgwid bejn il-genituri taghha u l-imputata ddeciediet li tmur tirregistra t-twelied tat-tarbija wahedha u ddikjarat li missier it-tarbija kien "*mhux maghruf*". Ic-certifikat ta' twelied tat-tarbija Omissis 3 fil-fatt kien jndika li hija kienet bint "*missier mhux maghruf*".

Illi Omissis 2 ried li jigi rikonoxxut bhala missier it-tarbija ghalhekk beda il-proceduri legali biex dan isehh. Huwa fil-fatt spicca biex kellu jaghmel kawza quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' rikors guramentat biex jigi dikjarat missier it-tarbija Omissis 3 u biex konsegwentement isiru l-annotazzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelied taghha.

Illi fil-kors ta' dawk il-proceduri giet nominata espert, Dr Marisa Cassar, biex wara li tiehu l-kampjuni necessarji, taghmel l-ezamijiet ta' DNA biex jigi stabbilit jekk Omissis 2 kienx missier it-tarbija Omissis 3. Fil-gurnata ndikata minn Dr Cassar marru ghandha l-imputata li hadet tarbija maghha; Dr Cassar hadet buccal swab tat-tarbija biss ghaliex l-omm irrifjutat li tittiehed buccal swab taghha ukoll.[2] It-tarbija li kellha maghha l-imputata ma kenitx it-tifla taghha imma tifla ta' habiba taghha. Sar l-ezami komparattiv u rrizulta li Omissis 2 ma kienx missier it-trabija li kienet ittiehdet ghand Dr Cassar. Fuq talba ta' Omissis 2 lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gie ordnat li l-imputata taghti kampjun tad-DNA taghha hi ukoll sabiex ikun jista' jigi stabbilit li dik it-tarbija li ttiehdet ghand Dr Cassar fil-fatt kienet it-tifla ta' l-imputata. Fil-gurnata stabbilita marret il-habiba ta'l-imputata ghand Dr Cassar. L-imputata

[1] Il-kontestazzjoni li hemm tirreferi ghal x'wassal lill-imputata biex taghmel dak li wassal ghall-proceduri odjerni.
[2] Omissis 2 kien diga ttihiedlu buccal swab.

baghtet lil habiba taghha (cioe omm it-tarbija) ghaliex irrealizzat li jekk jittiehed kampjun tad-DNA taghha (cioe ta'l-imputat) ma kienx ser ikun jaqbel ma' dak tat-tarbija li taghha kien ittiehed kampjun tad-DNA la darba din kienet it-tifla tal-habiba taghha. Minhabba diskrepanza fil-firem u anke minhabba il-mod kif prezentat ruhha il-habiba ta'l-imputata Dr Cassar indunat li ma kenitx l-istess mara li kienet marret ghandha l-ewwel darba u rrapurtat dan il-fatt lill-Qorti. Eventwalment ittiehdu l-kampjuni ta'l-imputata u bintha Omissis 3 u gie stabbbilit li Omissis 2 huwa l-missier.

Illi l-ewwel ezami komparattiv tad-DNA sar qabel ma l-imputata kienet prezentat ir-risposta guramentata taghha. Meta l-imputata prezentata r-riposta guramentata taghha fid-9 ta' Settembru 2013 hija ddikjarat li "*ma taqbilx li t-tarbija b'l-isem Omissis 3 hija l-wild tar-rikorrenti u dan skond kif jirrizulta mic-certifikat mahrug ..... u li juri bic-car illi r-rikorrent mhux il-missier biologiku tat-tarbija..*". Flimkien mar-risposta hija prezentat kopja ta'l-ewwel certifikat mahrug minn Dr Cassar.

Illi tul id-depozizzjoni taghha l-imputata pruvat tiggustifika dak li ghamlet billi tghid li Omissis 2 u xi familjari tieghu kienu abbuzivi fil-konfront taghha u ma riditx li Omissis 2 jkun involut fit-trobbija ta' binthom. Dak kollu li qalet l-imputata fid-depozizzjoni taghha m'ghandu l-ebda relevanza ghall-mertu tal-proceduri odjerni imma jista' jkollhom biss relevanza ai fini ta' piena.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputata qed tigi addebietata bir-reat kontemplat f'l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi li *kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, iġiegħel li jsir, jew xjentement iġib, dokument falz, jeħel l-istess piena bħall-awtur tad-dokument falz.*

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-ewwel certifikat rilaxxjat minn Dr Cassar kien falz stante li t-tarbija li taghha ttiehed kampjun tad-DNA ma kenitx bint l-imputata imma bint il-habiba taghha. Dan ic-certifikat kien ser jintuza, kif fil-fatt intuza, fil-proceduri civili pendenti bejn Omissis 2 u l-imputata. Din l-ewwel imputazzjoni ghalhekk tirrizulta.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputata qed tigi addebietata bir-reat prospettat f'l-artikolu 106(3) tal-Kapitolu 9. Ai termini ta' din id-dispozizzjoni tal-Ligi huwa reat li persuna *tagħmel affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f 'Malta*. Dan is-subartikolu fil-fatt huwa wiehed minn tlett subartikoli li jipprovdu dwar spergur fi proceduri civili.

Illi fir-rigward ta' l-imputazzjoni issa in ezami jibda biex jinghad li ma jirrizultax li fil-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) l-imputata xehedet jew prezentata xi affidavit minflok depozizzjoni viva voce. L-unika dokument konfermat b'gurament mill-imputata fil-kawza hawn imsemmija hija r-risposta guramentata taghha. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li dik ir-risposta hija konfermata b'gurament, hekk kif m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li dak il-gurament huwa falz stante li f'dik ir-risposta l-imputata tghid affarijiet li huma foloz. Minkejja dan pero dik ir-risposta mhiex affidavit intieza bhala t-testimonjanza ta'l-imputata fil-kawza intavolta minn Omissis 2.

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo b'referenza ghar-reat ta' spergur kontemplat f'l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 jelenka bhala wiehed mill-elementi essenzjali tieghu "*a testimony given in a cause*"[3]. Huwa jelabora hekk dwar dan l-element:

> *The crime now under discussion cannot arise unless the defendant has given his testimony in a cause. Falsity committed in any other case may*

[3] Noes on Criminal Law Vol II pagna 60.

*constitute the crime of forgery or, if on oath, the crime of extrajudicial perjury... but not the crime of false testimony. By testimony of course is meant any statement or depostion or declaration made before a Court of Justice in judicial proceedings according to law. Testimony, or as it is otherwise termed personal evidence (as distinct form real evidence), thus includes* ***all kinds of statements regarded as possessed of probative force***[4] *in respect of the facts stated the most important form of evidence.*[5]

Illi huwa pacifiku li risposta guramentata prezentata minn konvenut f'proceduri civili m'ghandhiex forza probatorja u ma tirimpjazzax l-affidavit jew it-testimonjanza viva voce ta' dak il-konvenut. Ghalhekk, ghalkemm bir-risposta guramentata taghha l-imputata setghet kisret xi dispozizzjoni penali ohra, ma jistax jinghad li dik ir-risposta tikostitwixxi affidavit ai fini ta'l-artikolu 106. Konsegwentement din it-tieni imputazzjoni kif dedotta ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata u min-naha l-ohra l-fedina penali netta taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet l-imputata waqt id-depozizzjoni taghha fil-proceduri odjerni biex tiprova tiggustifika l-eghmil taghha. Anke jekk dak kollu li qalet l-imputata huwa minnu[6] u hi sfat vittma ta' agir abbuziv da parti ta' Omissis 2 u membri tal-familja tieghu, is-soluzzjoni qatt ma kellha tkun dak li tichad lil bintha mill-vera identita taghha. U jekk bintha verament setghet tigi esposta ghal xi perikolu (da parti ta' Omissis 2 jew familjari tieghu) l-imputata kellha tirrikorri ghal mezzi legali u gudizzjarji biex tipprotegiha u mhux tipprova tinganna lill-istess bintha, u lill-Qorti.

[4] Sottolinear tal-Qorti.
[5] Op cit pagna 61.
[6] Haga li din il-Qorti tiddubieta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikolu 103 tal-Kapitolu 9 issibha hatja ta'l-ewwel imputazzjoni u tikkundannaha sena prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 109 ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna fil-konfront ta' l-imputata l-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli sservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun u dan ghal perjodu ta' ghaxar snin u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju r-responsabilta taghha u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor f'perjodu ta' tlett snin.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------